

Il-Ħamis 5 ta' Lulju 2012

3. Jagħti l-kondoljanzi tiegħu lill-familja tal-vittmi, filwaqt li jikkundanna bil-qawwi l-fastidju li qed jiġu soġġetti għalih u jitlob protezzjoni pubblika għalihom;
4. Jikkundanna bil-qawwi d-deċiżjoni li s-Sa Feng kienet imġiegħla tagħmel abort u jikkundanna l-prattika ta' aborti sfurzati u sterilizzazzjonijiet, speċjalment fil-kuntest tal-politika ta' wild wieħed;
5. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-gvern municipli ta' Ankang li joffri kumpens lill-familja tas-Sa Feng u li l-uffiċjali lokali involuti fil-każ jingħataw pieni ħorox;
6. Jieħu nota tal-fatt li l-każ tas-Sa Feng sar magħruf sew grazzi għall-internet u jenfasizza l-importanza tal-libertà ta' espressjoni, inkluża dik onlajn; jilqa' b'sodisfazzjon l-itfaċċar ta' sfera pubblika għad-dibattitu, parzjalment grazzi għall-mikroblogging;
7. Iqis importanti li jitkompla d-dibattitu fost l-intellektwali u l-akkademiċi dwar jekk għandhiex titkompla jew le il-politika ta' wild wieħed fiċ-Ċina;
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-finanzjament tagħha għal proġetti ma jmurx kontra l-kummenti li jinsabu fit-Taqsima III, Titolu 21 tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012;
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jinkludu l-abort sfurzat fuq l-aġenda għad-djalogu bilaterali li jmiss tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem maċ-Ċina;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lid-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

L-educazzjoni dwar l-iżvilupp u ċ-ċittadinanza globali attiva

P7_TA(2012)0302

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2012 dwar l-educazzjoni dwar l-iżvilupp u ċ-ċittadinanza globali attiva

(2013/C 349 E/15)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, li jenfasizza li "l-UE se tagħti attenzjoni partikolari lill-educazzjoni dwar l-iżvilupp u lit-tqajjim ta' kuxjenza",
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tad-Djalogu Strutturat dwar ir-rwol tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp, li jistieden "lill-Istati Membri tal-UE u lill-Kummissjoni Ewropea [sabiex] jsaħħu l-istrateġiji tagħhom għall-Edukazzjoni dwar l-Iżvilupp u għat-Tqajjim ta' Kuxjenza",
- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-educazzjoni dwar l-iżvilupp u t-tqajjim ta' kuxjenza huma ċentrali għall-politiki tal-iżvilupp Ewropej, kif inhu enfasizzat fil-Kunsens Ewropew dwar l-Edukazzjoni dwar l-Iżvilupp ("Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp: Il-Kontribut tal-Edukazzjoni dwar l-Iżvilupp u t-Tqajjim ta' Kuxjenza");
- B. billi, minkejja li hija waħda mill-ikbar finanzjaturi tal-educazzjoni dwar l-iżvilupp fl-Ewropa, l-Unjoni Ewropea m'għandhiex strateġija ddedikata f'dan il-qasam;

Il-Ħamis 5 ta' Lulju 2012

- C. billi, matul il-perjodi mmarkati b'awsterità, kriżijiet u l-qawmien ta' movimenti nazzjonalisti u populist, huwa partikolarment importanti li tiġi appoġġjata ċ-ċittadinanza globali attiva;
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jiżviluppaw strateġija Ewropea trans-settorjali għal perjodu twil għall-edukazzjoni dwar l-iżvilupp, it-tqajjim ta' kuxjenza u ċ-ċittadinanza globali attiva;
2. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw u jsaħħu l-istrateġiji nazzjonali għall-edukazzjoni dwar l-iżvilupp;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ⁽¹⁾, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

⁽¹⁾ Il-lista ta' firmatarji hija ppubblikata fl-Anness 1 għall-Minuti tal-5 ta' Lulju 2012 (P7_PV(2012)07-05(ANN1)).

It-twaqqif tal-Jum Ewropew tal-Ġelat Artiġjanali

P7_TA(2012)0303

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2012 dwar it-twaqqif tal-Jum Ewropew tal-Ġelat Artiġjanali

(2013/C 349 E/16)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

- A. billi l-leġislazzjoni tal-UE qed tkun immirata aktar lejn l-iżgurar tal-kwalità tal-ikel u, fost il-prodotti friski tal-ħalib kollha, il-ġelat artiġjanali huwa prodott eċċellenti fir-rigward tal-kwalità u tas-sikurezza tal-ikel, li jtejjeb il-profil tal-prodotti agroalimentari ta' kull Stat Membru individwali,
- B. billi l-konsumaturi qed jagħżlu aktar ikel tajjeb għas-saħħa, aktar nutrittiv u ta' toġhma aħjar li huma miskuba permezz ta' metodi tradizzjonali li m'għandhomx impatt fuq l-ambjent,
- C. billi s-settur jimpjega b'mod dirett madwar 300 000 impjegat, il-maġġoranza tagħhom żgħażaġh, f'madwar 50 000 ġelaterija fl-Ewropa kollha u l-konsum tal-ġelat gradwalment qed isir inqas staġjonali, li jirriżulta ffatturat matul is-sena kollha ta' mijiet ta' miljuni ta' euro,
1. Jistieden lill-Istati Membri biex jappoġġjaw il-prodott ta' kwalità li jirrappreżenta l-ġelat artiġjanali bħala settur li fih l-ekonomija tal-UE tista' tikkompeti u bħala opportunità li għandha tkun sfruttata, minħabba l-kriżi attwali li qed taffettwa wkoll is-settur tal-ħalib, fost oħrajn;
2. Iwaqqaf il-Jum Ewropew tal-Ġelat Artiġjanali, li għandu jiġi ċċelebrat fl-24 ta' Marzu, biex jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' dan il-prodott u għall-iżvilupp tat-tradizzjoni gastronomika ta' dan is-settur;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ⁽¹⁾, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

⁽¹⁾ Il-lista ta' firmatarji hija ppubblikata fl-Anness 2 għall-Minuti tal-5 ta' Lulju 2012 (P7_PV(2012)07-05(ANN2)).